MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 1005/2006

**Carmen u Emanuel konjugi Sammut u Josephine Debattista xebba ID 582544(M), ID 228444(M), ID 503338(M)**

**Vs**

**John u Carmen konjugi Cini ID 536246(M) u ID 317745(M) u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2009, gie nominat Dr Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-eredita` gjacenti ta'l-assenti John Cini**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Novembru 2006, illi l-attur qieghed jitlob lil dan it-Tribunal illi l-konvenuti huma moruzi fil-hlas tal-kera tal-fond numru 132, Merchants Street, Valletta, mill-1992 sal-lum u cioe` hmistax-il sena (15), b'kera ta' mitt Lira Maltin (Lm100) fis-sena, ghalhekk b'kollox ammontanti ghal elf u hames mitt

Lira Maltin (Lm1500). Illi peress li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali (Dok A u Dok B), kif ukoll ittri bonarji, izda baqghu inadempjenti, kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra uffijali tat-13 t' April 2005, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tat-19 ta' Dicembru 2006 li permezz taghha huwa eccepixxa illi l-preliminarjament il-proceduri odjerni huma *fuori termine* stante illi fit-12 ta' Awissu 2005 l-attrici pprezentat fil-konfront tal-konvenuti ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u din il-kawza giet ipprezentata fid-9 ta' Novembru 2006. Illi preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(c) tal-Kap 16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Sema`** x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi Carmen Sammut xehdet nhar il-21 ta' Novembru 2007, u stqarret illi l-propejeta` in kwistjoni hi taghha u t'ohtha u li ilha mikrija mill-1986 b'rata ta' mitt Lira (Lm100). Inoltre, hi kkonfermat illi l-konvenut dejjem taghha problema biex ihallas il-kera u sikwiet kienet iccempillu pero` dejjem kien jinjoraha u di fatti, ilha ma' tithallas kera mill-1991. L-attrici kkonfermat ukoll illi fil-bidu tal-2005 kienet irceviet pagament ta' mitt Lira (Lm100) akkont u ukoll kienu kitbulu diversi ittri ufficjali hekk kif esebiti ma' l-avviz.

Illi ra n-nota li permezz taghha l-attrici esebiet is-segwenti dokumenti:

1. Dok CS 1 konsistenti f'kopja ta' skrittura datata 25/1/1986.
2. Dok CS 2 konsistenti f'ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenuti datata 29 ta' Marzu 2005 li maghha sar offerta ta' pagament akkont u promessa ta' pagament.
3. Dok CS 3 konsistenti f'ittra mibghuta mill-konsulent legali bid-data 13 t' April 2005.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni ukoll tar-**risposta** pprezentata mill-kuratur nominat Dr. Patrick Valentino tal-25 ta' Awissu 2009 fejn jirrileva illi ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi bl-ittra tad-29 ta' Marzu 2005, esebita bhala DOK CS 2, it-Tribunal ma ghandux dubbju illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ta' preskrizzjoni ma tistghax tissusisti.

Lanqas ma jistghu jissusistu l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut in kwantu illi x-xhiedha ta' l-attrici mhix kontestata u l-konvenuti ma ressqu ebda prova kwalsiasi in sostenn appuntu ta' l-eccezzjonijiet taghhom.

It-Tribunal ghalhekk ma jara ebda raguni ghaliex il-versjoni tal-atturi ma ghandhiex tigi emnuta u t-talbiet taghhom milqugha.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq espress, u wara illi t-Tribunal ra l-atti kollha, d-dokumenti esebiti u sema` x-xhiedha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenuti, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef erba`mija u erba` u disghin Euro u sitt centezmi (€3494.06) gja elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------